**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum il-5 ta' Gunju, 2024**

**Rikors numru: BCT/28/2024**

**Membri:**

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng(Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

---

**Yurgen Cassar**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell li sar permezz ta' email datata 27 t'April, 2024 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, l-appellanti ikkontestat id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 8 t' April, 2024 li permezz taghha giet imposta l-penali amministrativa billi "*nqast li tissottometti lill-Awtorita` tal-Bini u l-Kostruzzjoni, kopertura ta' assigurazzjoni flimkien ma' ittra mill-assiguratur, kif ukoll inqast li tassigura li x-xogholijiet ta' kostruzzjoni li jaqghu taht id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolament ikunu assigurati b'mod adatt u adegwat filperijodu ta' bejn l-07 ta' Jannar, 2023 sal-24 ta' Marzu, 2024, skont ir-Regolament (6) subregolamenti (1) u (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.06*".

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi l-ligi hija tassattiva u tali zvilupp kien g]hadu (sic) jitqies legalment sit, u kwindi jirrikjedi li jkun kopert b'polza ta' assigurazzjoni tul il-perijodu kollu;*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda ta' Yurgen Cassar li l-Awtorita` ghazlet li ma tikkontro-ezaminx.

Ra l-verbal tas-seduta datata 22 ta' Mejju, 2024.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Ra li l-kawża tħalliet għas-senteza għal-llum.

**Ikkunsidra**

Illi huwa car li l-appell odjern jirrigwardja penali amministrativa imposta in vista ta' nuqqas ta' kopertura assikurativa u ittra relattiva u dana skont Reg 6(1) u (2) tal-LS 623.06 kif applikabbli dak iz-zmien.

Illi bi twegiba ghal dan fl-appell tieghu l-appellanti jikkontendi li l-penali imposta mhijiex gusta u dana ghaliex:

i. *L-aperturi kienu ilhom ordnati il fuq minn sena u kellna problema fuq hekk ghax il-post kien lest u ghalina kien qed jitqies li ghandna kollox sew; hadd ma nfurmana*

*li suppost ikun hemm aperturi maghluqin ukoll, biss biss anke tal-kumpanija tal-assigurazzjoni stess kien qalilna l-istess haga meta morna naghmlu l-assigurazzjoni fuq id-dar.*

ii. *Apparti minn hekk, l-ammont ta' eur 500 huwa esagerat, hekk kif intom qed tirdoppjaw din il-multa – ir-ragunijiet huma konnessi ma' xulxin, allura ma jaghmilx sens li eur 250 hija ghaliex ma kienx hemm l-assigurazzjoni f'postha u eur 250 ohra ghax ma gietx sottomessa mal-Awtorita`. Il-punt tieghi hu li jekk ma kellniex assigurazzjoni f'postha (avolja min-naha taghna ma konniex infurmati fuq dan, kif semmejt f'Punt 1) hija ovja li mhux ha tigi sottomessa, allura giet citazzjoni doppja esagerata u bir-rispett kollu ma taghmilx sens li doppja ghax wahda ggib li ohra.*"

Waqt ix-xhieda tieghu, l-appellanti rega fisser li huwa m'huwiex kuntrattur, hadd ma avzah x'ghandu jsir imma jahseb li min-naha tieghu kellu kollox sew.

Illi dwar l-ewwel punt imqajjem it-Tribunal jinnota li d-decizjoni appellata fil-verita` ma taghmel ebda accenn dwar aperturi miftuhin jew maghluqin fuq is-sit. Huwa car li d-decizjoni appellata tirrigwardja esklussivament in-nuqqas ta' kopertura assigurattiva tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq is-sit.

Illi dwar it-tieni punt, permezz tieghu, l-istess appellanti jikkonferma li huwa ma kienx munit minn kopertura assigurattiva kif mehtieg minnu in kwantu zviluppatur skont il-ligi applikabbli. Huwa jipprova jiggustifika dan billi jghid li huwa ma kienx jaf bil-htiega taghha u jghid ukoll li l-penali hija ezagerata. Huwa jghid li l-penali hija doppja ghaliex, skont hu, qed jigi penalizzat darbtejn, mitejn u hamsin euro (€250) talli ma kellux kopertura assigurativa u mitejn u hamsin euro (€250) ohra ghax ma gietx moghtija lill-Awtorita`.

Illi kif inghad tali aggravju mhuwiex hlief ammissjoni ta' l-imputazzjoni sollevata fil-konfront tal-istess appellanti u li abbazi taghha giet imposta il-penali amministrativa. L-appellant stess jammetti li kopertura ma kellux. Il-fatt li hu ma kienx jaf jew ma giex infurmat b'din il-htiega ma jistax jinfluwixxi fuq id-decizjoni tal-Awtorita` dana b'rispett tal-principju *ignoriantia juris non excusat* (mhuwiex skuzat min jilmenta li ma jafx bil-ligi).

Illi lanqas m'ghandu mis-sewwa it-tieni aggravju limitatament sakemm dan jirreferi ghal penali doppja. Huwa car mid-decizjoni appellata li din giet imposta skont ir-Regolamenti 21 u 2 tal-Ligi Sussidjarja 623.06. F'dan il-kaz ma jirrizulta minn imkien li gew imposti zewg penali ta' mitejn u hamsin euro (€250) kull wiehed imma penali amministrativa wahda ta' hames mitt euro (€500) fir-rigward tan-nuqqasijiet ravvizatai dak iz-zmien taht ir-Regolament 6(1) u (2) li kien jehtieg kopertura assigurativa u (taht ir-Reg 6(1)) u s-sottomissjoni mhux biss tal-kopertura imma wkoll ta' ittra mill-assiguratur kontenenti id-dettalji hemmhekk elenkati. Skont ir-Regolament 21 il-penali imposta hija l-ghola koncessa ghall-kontravvenzjoni taht ir-Regolament 6.

Illi l-unika aspett li jindika li tali penali hija tassew wahda eccessiva jirrizulta mil-fatt li, fil-verita`, ir-Regolamenti 6(1) u (2) tal-SL 623.06 gew revokati fis-27 ta' Frar, 2024 permezz tal-AL 37 tal-2024. Dan iffisser li l-penali, imposta fit-8 t'April, 2024 (u cioe` wara d-data li fiha gew revokati d-disposizzjonijiet indikati) ghall-perijodu bejn 7 ta' Jannar 2023 u 24 ta' Marzu, 2024 hija eccessiva sakemm tirrigwardja il-perijodu kollu li jmur oltre tali data tenut kont li ebda penali ma setghet ragjonevolment tapplika taht l-istess regolamenti, ossija ir-Reg 6(1) u (2), gjaladarba dawn id-dispozzjonijiet gew imhassrin fis-27 ta' Frar, 2024. Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal jaghraf li l-penali amministrativa ghandha tigi ridotta ghal tlett mitt euro (€300).

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn indikati, it-Tribunal qed jilqa' l-appell in parte, jilqa' t-tieni aggravju limitatament billi jiddikjara il-penali amministrativa bhala esagerata u kwindi jvarja d-decizjoni tal-Awtorita` billi jirriduci l-penali ghal tlett mitt euro (€300).

***** VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL *****

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Philip M. Magri** | **Perit Robert Sersero** | **Ing. Anthony Camilleri** |
| Chairperson | Membru | Membru |